# Il-Kanonku Salv Bondì S.Th.D. (1730-1859)
## L-arkitett tal-faċċata tal-Bażilika Ġorġjana fl-okkażjoni tal-160 sena minn mewtu

Fabian Mangion

Il-Knisja fil-gżejjer Maltin għandha tassew biex tifraħ u tkun kburija li minn ħdanha dejjem nibtu għadd mhux żgħir ta' saċerdoti li ddistingwew ruħhom fil-qasam tal-għerf u l-ħidma ħabrieka tagħhom. Il-ħidma żelanti ta' dawn kienet ta' siwi mill-aktar kbir għat-tkattir u għat-tisħiħ tat-twemmin Nisrani fost il-merħla li ġiet fdata f'idejhom.

Wieħed mill-kwiekeb li jsebbħu l-firmament tal-kleru Għawdxi, speċjalment fost dawk ta' tmiem is-seklu tmintax, huwa mingħajr ebda dubju l-Kanonku Salvatore Bondì li, fiċ-ċokon tal-umiltà tiegħu, ismu jitgħolla u jibqa' jissemma mhux biss għall-kapaċitajiet tiegħu bħala arkitett u pittur, iżda wkoll għall-ġenerożità li wera lejn il-foqra.

Iben in-Nutar Ġużeppi Bondì u Rosa mwielda Abela, Salvu twieled fit-3 ta' Awwissu 1790 fir-Rabat ta' Għawdex.[1] F'jum twelidu stess huwa ġie mgħammed fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Dun Saver Cassar. Fil-fonti tal-Magħmudija, flimkien ma' Salvu, l-isem li bih kellu jibqa' jiġi msejjaħ, semmewh ukoll Stiefnu u Franġisku. Il-parrinijiet tiegħu fil-magħmudija kienu Dun Ġużepp Attard u Anna Bondì.[2]



*Self-portrait* li juri lill-Kan. Bondì bil-kumpass f'idejh filwaqt li qiegħed iħożż pjanta ta' knisja. Fl-isfond tiegħu jidher il-Palazz Bondì.

Sa minn meta kien għadu żgħir it-tfajjel Salvu wera li għad ikun bniedem ta' intellett kbir. Fil-fatt, spikkaw ħafna fih id-dehen, l-intelliġenza u l-qalb tajba u ġeneruża. Il-ġenituri tiegħu ntebħu b'dan minn kmieni u għalhekk fittxew li jagħtuh l-aħjar edukazzjoni.[3] Fil-pront bagħtuh fil-Kulleġġ ta' Għawdex, imwaqqaf u mmexxi mill-qassis għaref Dun Mikelanġ Lauron, fejn fost suġġetti oħra beda l-istudju tal-Latin, tat-Taljan kif ukoll ir-Rettorika. Ta' student bieżel li kien, Salvu kompla l-istudji superjuri tiegħu taħt id-direzzjoni tal-Kanonku Mikelanġ Refalo, saċerdot li l-fama tal-għerf tiegħu ma mietet qatt fost l-Għawdxin.[4]

### Lejn l-Ordinazzjoni Saċerdotali

Fit-18 ta' Diċembru 1814, il-kjeriku Salvu Bondì ġie ordnat Suddjaknu waqt Ordinazzjoni ġenerali fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta,[5] li kienet immexxija minn Mons. Ferdinandu Mattei, Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta. Fit-22 ta' Diċembru 1815 huwa rċieva l-Ordni tad-Djakonat minn idejn l-istess Isqof fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina.[6]

Miexi dejjem 'il quddiem fl-għerf u fit-tjubija saċerdotali, id-djaknu Salvu Bondì fil-21 ta' Diċembru 1816, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, irċieva l-Ordni tal-Presbiterat.[7]

Fl-1817 huwa kiseb id-dottorat fit-Teoloġija mill-Kulleġġ tal-Patrijiet Dumnikani tal-Belt Valletta.[8]

### L-ewwel ħidma tiegħu bħala qassis

Hekk kif sar qassis, Dun Salv ma qagħadx idejh marbuta. Huwa wettaq fedelment id-dmirijiet tiegħu ta' saċerdot. Kien spiss imfittex għall-qrar u għall-predikazzjoni.[9]

Peress li Dun Salv kellu ħafna għal qalbu l-liturġija u ċ-ċerimonji li jsiru fil-knisja, l-Isqof Mattei ħatru Ċerimonier tal-Matriċi (illum il-Katidral) ta' Għawdex, u fl-1819 Dun Salv ġie msejjaħ biex ikun fost il-kanonċi tal-istess Kolleġġjata Matriċi. Il-Kanonku Bondì kien teologu profond, kanonista sod u interpretu mill-aqwa tal-Kotba Mqaddsa. Fuq kollox, kien moralista kapaċi tant li kien il-gwida ta' ħafna żgħażagħ li resqu quddiemu u stennew mingħandu pariri siewja għall-ħajja. Barra minn hekk, mhux żgħir kien in-numru ta' saċerdoti li sabu fih direttur u surmast għall-ħajja spiritwali tagħhom.[10]

### Qassis ta' ġenerożità bla limiti

Dun Salv kien ukoll saċerdot ta' karità kbira. Qalbu kienet tingħafas meta jara l-miżerja u l-faqar ta' ħafna minn ħutu Għawdxin. Dan kollu wasslu biex dejjem jirsisti ħalli jara x'jista' jivvinta biex jgħin lil dawk l-aktar fil-bżonn.

Ħafna ommijiet mhux miżżewġa sabu fih missier li jagħder u jħenn. Kien jgħinhom biex isibu kenn fil-Konservatorju tal-Isqof li kien iservi għal dan il-għan.[11] Lil xi wħud kien saħansitra pprovdielhom id-dota biex ikunu jistgħu jiżżewġu u jiffurmaw familja.

Ta' spiss kien iżur il-morda fl-isptar u dawn ukoll kienu jsibu fih mhux biss għajnuna fil-ġisem u fir-ruħ, imma wkoll faraġ u konsolazzjoni.

### L-industrija tal-Bizzilla

L-imħabba lejn il-foqra li kibret mal-Kanonku Bondì sa minn ċkunitu kienet providenzjali mhux biss biex dawk fil-bżonn ikollhom biex jgħixu, imma wkoll biex sal-lum Għawdex għadu jgawdi minn industrija li ħoloq huwa stess.

Lejn is-sena 1840 ħadd f'Għawdex ma kien jaf u sema' bl-industrija tal-



Disinn tal-bizzilla magħmul bl-idejn li fuq in-naħa ta' isfel tiegħu jidhru l-inizjali ta' Dun Salv Bondì.

bizzilla. Aktar minn hekk, ma kien jeżisti l-ebda manuskritt li jipprovdi xi regoli li jfissru u jiggwidaw kif din l-arti tinħadem. Kien Dun Salv li ħeġġeġ din l-arti purament Għawdxija fost ix-xbejbiet fqar u rżina tal-gżira. Il-bizzilla, għax-xebbiet tal-imgħoddi, kienet l-unika għajnuna finanzjarja li taffiet xi ftit mill-faqar ta' dak iż-żmien.[12]

Għalkemm hu minnu li l-bizzilla llum m'għadhiex kif kienet fis-seklu dsatax, jiġifieri waħda mill-industriji prinċipali u l-għajxien ta' ħafna familji f'Għawdex, bla dubju għadha waħda mill-attrazzjonijiet ta' din il-gżira ċkejkna għat-turisti li jżuruha. Ħafna mill-mertu ta' dan kollu jmur lill-Kanonku Salv Bondì. Huwa stess kien ipinġi disinji biex jinħadmu fuq it-trajbu u, wara, ix-xogħlijiet kienu jinbiegħu f'Malta u f'pajjiżi oħra.[13] Hu stinka biex iħajjar ix-xebbiet u n-nisa joqogħdu miġbura d-dar jaħdmu l-bizzilla minflok jiġġerrew mat-toroq jittallbu l-karità.[14]

Din l-industrija domestika, mibdija l-ewwel fir-Rabat u mwassla fl-irħula Għawdxin minn Dun Salv stess u oħrajn, refgħet ħafna familji mill-miżerja u sa ftit snin ilu kienet trendi parti sostanzjali mid-dħul ta' dawn il-familji.[15]

**Ħila fl-arkitettura**

Il-Kanonku Salvu Bondì ddistingwa ruħu wkoll għall-imħabba tiegħu lejn l-arti. Sa minn meta kien għadu żgħir, tgħallem id-disinn u kompla l-mixja tiegħu fl-istudji artistiċi taħt l-arkitett Ġorġ Pullicino u l-pittur Mikiel Busuttil.[16]

Biċċa xogħol bikrija tal-arkitett Dun Salv Bondì hija l-faċċata tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, illum Bażilika u Kolleġġjata, li nbniet fis-snin 1816-1817. L-istil tagħha huwa ta' ordni Kompost. Wara li kienu saru tmint'ijiem ta' Eżerċizzi spiritwali, il-knisja ġiet inawgurata fid-9 ta' Novembru 1817. Il-bennej ta' din il-faċċata kien Salvu Portelli, mir-Rabat, Għawdex.[17]

L-iskultura ta' din il-faċċata saret fl-1817 mill-iskultur Sigismondo



Id-disinn tal-faċċata tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ impinġi mill-Kanonku Bondì.

Dimech u ibnu Ferdinandu. Taħt il-kapitell tal-kampnar, li jħares lejn il-lvant, hemm din il-kitba minquxa fil-ġebel: *"Sigismondo-Ferdinando Dimech – Padre e Figlio 1817"*.

Biċċa xogħol oħra sabiħa tal-Kanonku Bondì hija l-Knisja Kolleġġjata u Bażilika tax-Xagħra. Dan kien fi żmien Dun Vinċenz Cauchi li kien il-ħames Kappillan tar-raħal. Hu fil-fatt kien iz-ziju ta' Dun Salv Bondì li ma tħallasx talli pprovda l-pjanta tal-knisja l-ġdida. Il-Kappillan innifsu offra 500 skut għall-ispejjeż tal-



Il-Knisja parrokkjali tax-Xagħra lejn l-aħħar tas-seklu dsatax.

bini.[18] Ix-xogħol kien beda fl-1815 u spiċċa fl-1855.[19]

Il-Kanonku Bondì għamel ukoll id-disinn ta' wieħed mill-kampnari tal-Knisja parrokkjali l-antika ta' Għajnsielem. Dan il-kampnar kien ġie mibni fl-1839 minn Ġużeppi, bennej Malti, minn Ħaż-Żebbuġ.[20]

Dar Manresa, fil-periferija tar-Rabat u tindokra Wied Siekel u Wied il-Lunzjata, kienet oriġinarjament mibnija madwar knisja tal-kampanja ddedikata lil San Martin ta' Tours. Kienet tikkonsisti f'binja b'sular wieħed fil-forma ta' kjostru bi tliet naħat. Kien iktar tard, probabbilment madwar l-aħħar tal-għoxrinijiet jew għall-bidu tat-tletinijiet tas-seklu dsatax, li l-Kanonku Salv Bondì ntalab jipprovdi pjan għal knisja ġdida, li eventwalment kienet ġiet imbierka minn Dun Emmanuele Rossignaud, Vigarju Ġenerali, fl-20



Il-faċċata ta' Dar Manresa fil-periferija tar-Rabat. *(Ritratt: Daniel Cilia)*

ta' Lulju 1833, flimkien mal-faċċata l-ġdida għad-dar tal-irtiri.[21]

Mid-dehra, Bondì ddisinja faċċata biex tinbena fuq quddiem u tingħaqad mal-istruttura mibnija qabel. B'hekk ġie evitat il-bżonn li l-binja antika tinħatt biex isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni. Ħarsa bir-reqqa lejn din il-faċċata tindika li t-tliet segmenti ċentrali, li oriġinarjament kienu daħliet bl-arkati, jiffurmaw bħal portiku quddiem il-knisja. F'xi punt taż-żmien dawn l-arkati ġew imbarrati.

Barra dawn ix-xogħlijiet Bondì kien għamel il-pjanta tal-Knisja parrokkjali Ta' Kerċem.[22] L-ewwel ġebla tagħha kienet tqiegħdet fit-12 ta' Marzu 1846. Franġisku Camilleri, negozjant tal-qoton, u martu Roża, li kienu jgħixu r-Rabat ta' Għawdex,



Pittura li tinsab fil-Knisja parrokkjali Ta' Kerċem li turi lil Dun Salv Bondì jiddiskuti l-pjanta tal-knisja l-ġdida flimkien ma' Salvu Portelli, l-imgħallem tal-bini.

ħarġu s-somma ta' 10,000 skut għall-bini ta' din il-knisja. L-imgħallem tal-bini kien Salvu Portelli.[23]

Lejn nofs is-seklu dsatax Dun Salv kien ġie mqabbad minn Dun Alessandru Cauchi, Kappillan f'Ta' Sannat, biex iħażżeż pjanta għal knisja ċkejkna li kien hemm il-ħsieb li tinbena fil-Munxar għas-servizz tan-nies li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi. Il-pjanta kienet saret, iżda l-Kappillan Cauchi miet bla mistenni qabel ma kien ingħata bidu għall-proġett. Il-pjanta għabet u dik il-knisja baqgħet qatt ma nbniet.[24]

Il-Palazz tal-Isqof, illum il-Kurja Veskovili tad-Djoċesi Għawdxija,



Il-faċċata tal-Palazz Bondì, fir-Rabat, illum il-Kurja Veskovili. *(Ritratt: Daniel Cilia)*

huwa biċċa xogħol tassew sabiħa, mibni wkoll fuq pjanta tal-Kanonku Bondì. Mibni qrib il-bidu tal-1840, oriġinarjament kien il-palazz tal-Familja Bondì u huwa l-uniku bini sekulari (jiġifieri mhux knisja) li hu magħruf li ġie ddisinjat minn Bondì. Fit-2 ta' Marzu 1880, l-Isqof Pietru Pace xtara dan il-palazz għas-somma ta' 25,050 skut biex iservi bħala palazz episkopali u partijiet minnu jaqdu rwol ta' kanċellerija djoċesana.[25] Dan il-palazz, b'faċċata tabilħaqq imponenti, imżejna b'lavur eleganti fil-ġebla Għawdxija, hu verament waħda mill-attrazzjonijiet fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Victoria.



Il-kwadru ta' San Anton Abbati mpitter minn Dun Salv Bondì fl-1818 għall-knisja ddedikata lill-istess qaddis fix-Xagħra.

**Inklinazzjoni għall-arti**

Il-Kanonku Salv Bondì ma weriex biss ħila fl-arkitettura. Dan għaliex kien ukoll kapaċi fl-arti tal-pittura. Biċċa xogħol sabiħa tiegħu hija l-pittura ta' Sant'Anton Abbati li saret fl-1818. Dan huwa l-kwadru titulari li għadna nistgħu ngawdu sal-lum fil-knisja ddedikata lil dan il-qaddis

eremita fix-Xagħra.[26]

F'dan il-kwadru, filwaqt li fl-isfond jidher id-distrett ta' Għajn Lukin, fejn kien hemm l-isptar tal-pesta, il-qaddis, f'pożizzjoni ċentrali, jidher b'ħarstu 'l fuq bħal qed jitlob lil Alla biex jinterċedi hu u jwaqqaf l-effetti diżastrużi tal-pesta minn fost il-poplu tax-Xagħra.[27]

Kwadru ieħor pittura tal-Kanonku Bondì huwa dak impitter fl-1822 u li juri lil Sant'Ambroġ. Dan il-kwadru ovali huwa pariġġ tlieta oħra li llum jinsabu esebiti fil-Mużew Il-Ħaġar fil-Belt Victoria.[28]



Dettall tal-kwadru ta' San Ambroġ li juri l-kitba minn Bondì.

Kien Bondì stess li rregala dan il-kwadru lill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Fil-fatt, fil-ktieb li għandu f'idejh Sant'Ambroġ hemm din il-kitba: *"Can. Salv. Bondì me Pinxit Templo que Divi Giorgio me donavit. A.D. 1822".*[29]

Il-Kanonku Salv Bondi miet fil-21 ta' Lulju 1859 u ġie midfun fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[30]

B'sinjal ta' mħabba u gratitudni, fit-30 ta' Lulju 1859 ġie ċċelebrat funeral solenni b'suffraġju tiegħu fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex. Waqt din ir-rit, Patri Vinċenz E. Garroni OESA għamel l-orazzjoni funebri.[31]

---

1 Il-Familja Bondì ġiet Malta minn Sqallija. Skont il-*Giuliana Masini*, il-kunjom deher għall-ewwel darba fl-1584 (Cassar, M., *The Surnames of the Maltese Islands*, ***Malta 2003, p. 43).***

2 Arkivju Parroċċa San Ġorġ, Għawdex, *Liber Baptizatorum, inceptus Die VII mensii Novembris Anno Secundo persbiteratus Dom. Saverii Cassar*, f. 708r-709v. Fost ulied oħra tal-koppja Bondì kien hemm *Ġwanni, Anna Marija, Karlu Antonju, Ursola, Olimpja, Alojsju u Gejtanu. Kemm Karlu Antonju u kemm Gejtanu saru qassisin u ġew maħtura kanonċi. Karlu Antonju kien ġie wkoll maħtur Prelat Domestiku tal-Papa u serva bħala Provigarju qabel ma Għawdex sar Djoċesi għalih. Mil-lat l-ieħor, Dun Gejt kien ġie kkunsidrat għall-post ta' Isqof ta' Għawdex.*

3 Sensiela ta' dokumenti tas-snin 1993-1818 iwasslulna informazzjoni siewja dwar il-missier ta' din il-familja. F'Settembru 1792, in-nutar Ġużeppi Bondì ġie appuntat Ġurat u kien protagonist fil-ġrajjiet li seħħew waqt tliet ġurisdizzjonijiet ċivili f'dawn il-gżejjer. Meta l-Għawdxin qamu kontra l-Franċiżi, hu sab refuġju fid-dar ta' zijuh Dun Vinċenz Cauchi, li kien kappillan tar-raħal u Provigarju tal-Isqof ta' Għawdex. Il-karriera politika tajba ta' Bondì ma jidhirx li marret lura għax, wara li l-Ingliżi ħadu l-kontroll tal-gżejjer fl-1800, reġa' nħatar fil-kariga pubblika (Cassar Pullicino, J., "Some Unpublished Documents on Gozo [1793-1818]", fi *Scientia*, 2, April-June 1959, p. 87-94, u "Some Unpublished Documents on Gozo [1793-1818]", fi *Scientia*, 3, July-September, 1959, pp. 104-138).

4 Ferres, A., *L'Arte* IV, 15 ta' Novembru 1866, p. 3.

5 Napuljun Bonaparti, b'kirografu ddatat it-13 ta' Ġunju 1798, u miżmum fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, formalment għadda l-Knisja Konventwali lill-Arċisqof. Fit-30 ta' Awwissu, Mons. Arċisqof Vinċenz Labini rnexxielu jikseb minn Ruma t-titlu ta' Konkatidral għal San Ġwann. Iżda, f'dik is-sena, dan it-titlu kien ingħata biss b'mod proviżorju u kien biss fit-30 ta' Settembru 1925 li l-Papa Piju XI definittivament ta t-titlu ta' Konkatidral lil San Ġwann (Bezzina, J., *L-Istorja tal-Knisja f'Malta*, 2002, p. 181).

6 *Arkivju Arċiveskovili Malta, Registrum Ordinationum Celebrandum per Ecclli.mum et Rev.mum D.num Fr. Ferdinandum Mattei Archip. cum Rhodi Epi. Melitensum (*1808-1829).

7 Ibid., p. 129, u Calleja, J., Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000, Malta, 2001, p. 8. F'dik l-istess okkażjoni, kienu 29 li ġew ordnati saċerdoti, fosthom Dun Mikiel Buttigieg, il-futur Isqof ta' Għawdex.

8 Ferres, A., *L'Arte* IV, 15 ta' Novembru 1866, p. 3.

9 *Patria!*, 29 ta' Ġunju 1922, p. 5.

10 Vella Apap N., "Il-Kan. Dr. Salvu Bondi S.Th.D.", f'*Festa San Ġorġ*, Għawdex, Lulju 1987, p. 69.

11 Fil-fatt, Dun Salv kien il-Prokuratur tal-Konservatorju tal-Isqof imwaqqaf f'Għawdex mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan. Id-dar mibnija ġdida għal dan il-għan infetħet fl-1789 (Azzopardi, C., *Il-Bizzilla tal-Gżejjer Maltin*, Malta 2003, p. 146).

12 Vella Apap N., "Il-Kan. Dr. Salvu Bondi S.Th.D.", f'*Festa San Ġorġ*, Għawdex, Lulju 1987, p. 71.

13 Disinn minn ta' dak iż-żmien instab f'kollezzjoni privata f'Għawdex, bl-inizjali CSB li jistgħu jfissru Canonico Salvatore Bondì. Minn wara kien inkullat fuq karta kemxejn ħoxna li aktarx kienet folja minn reġistru tal-irċevuti li ġġib id-data 1818. Minn dan naraw l-istili ta' disinni li kienu jitpittru lejn l-aħħar tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax, u t-teknika li kienu jużaw biex jaħdmu (Azzopardi, C., *Il-Bizzilla tal-Gżejjer Maltin*, Malta 2003, p. 147).

14 *"Per cooperazione poi del Can. Bondì fu esteso per tutto Gozo; egli ne aiuto ancora la diffusione di tali lavori coll'opera, preparandone una quantita di scelti disegni"* (Ferres, A., *L'Arte* IV, 15 ta' Novembru 1866, p. 4).

15 *Patria!*, 29 ta' Ġunju 1922, p. 5, u Cassar Pullicino, G., "Notes for a History of Maltese Costume," f'*Costume in Malta*, Malta 1998, p. 16, fejn naqraw: "*E per assicurare egli un onesto procacciamento alle povere famiglie del Gozo, si die ogni cura possibile a propagare il lavoro dei merletti che oggi forma una delle principali industrie di quell'isola. Questo lavoro utile e gentile era per primo esercitato da una sola classe di femmine nel Rabato: per cooperazione poi del Can. Bondì fu esteso per tutto Gozo; egli ne aiutò ancora la diffusione di tali lavori coll'opera, preparandone una quantità di scelti disegni".*

16 Ferres, A., *L'Arte* IV, 15 ta' Novembru 1866, p. 3.

17 Vella Apap N., "Il-Kan. Dr. Salvu Bondi S.Th.D.", f'*Festa San Ġorġ*, Għawdex, Lulju 1987, p. 71.

18 Refalo Rapa, J., *The Xagħra Monumental Church*, 1969, p. 17.

19 Il-knisja ħadet dawn is-snin kollha biex tinbena għaliex malli beda x-xogħol tal-bini, faqqgħet il-pesta f'Għawdex u proprju fix-Xagħra, l-uniku raħal f'Għawdex kollu li ġie milqut minn dan il-flaġell. Il-Kappillan Cauchi, flimkien mas-sagristan Casmiro, kien fost il-104 li mietu kawża ta' din l-imxija (Refalo Rapa, J., *The Xagħra Monumental Church*, 1969, p. 17). Filwaqt li l-pjanta oriġinali li Bondì għamel għall-knisja tax-Xagħra ma teżistix, minn artiklu miktub fil-ġurnal *L'Ordine* ftit jiem wara li l-knisja ġiet imbierka mill-Kanonku Vinċenz Chapelle, Vigarju Ġenerali, il-Ħadd 11 ta' Frar 1855, nieħdu idea tajba ta' kif kienet tidher il-knisja minn ġewwa (Anon, "Nuova Chiesa Parrocchiale in Casal Caccia del Gozo", f'*L'Ordine*, 15 Febraio 1855, 4458, p. 5).

20 Vella Apap N., "Il-Kan. Dr. Salvu Bondi S.Th.D.", f'*Festa San Ġorġ*, Għawdex, Lulju 1987, p. 73.

21 Ferres, A., *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866, p. 571.

22 Il-Knisja parrokkjali Ta' Kerċem ġiet mibnija bħala wegħda votiva wara l-kolera tal-1837 li fiha mietu 24 Kerċmi (Borg, K., "Paġni mill-Istorja: Kerċem fi Żmien il-Kolera tal-1837", f'*Kerċem*, 15, Jannar-April 1994, pp. 4-5).

23 Borg, K., "Il-Kanonku Dun Salv Bondì", f'*Kerċem*, Jannar-April 1996, p. 6.

24 Borg, K., "Il-Kanonku Dun Salv Bondì", f'*Kerċem*, Jannar-April 1996, p. 6.

25 Sa mill-1972, il-Palazz tal-Isqof waqaf milli jkun ir-residenza tal-Isqof ta' Għawdex u l-Knisja żammet l-użu tiegħu b'għan amministrattiv. Għal din ir-raġuni, fost l-Għawdxin dan il-bini hu l-aktar magħruf bħala 'l-Kurja' aktar milli 'l-Palazz tal-Isqof'.

26 Is-sena 1818 ġiet stabbilita waqt restawr li kien qed isir fuq il-kwadru minn Godwin Cutajar fl-1995. Waqt dan l-intervent, is-sena tfaċċat miktuba bl-aħmar fir-rokna tal-lemin fin-naħa ta' isfel tal-kwadru. Kollox jindika, għalhekk, li qabel dan il-kwadru kien hemm ieħor li probabbilment kien ġie maħruq fil-pesta li bdiet fix-Xagħra fis-sena 1814 (Attard Hili, A., "Chapel of St Anthony the Abbot in Xagħra", f'*The Sunday Times*, 19 ta' Jannar 2003, p. 45, u Cutajar, G., "Xogħol ta' Konservazzjoni u Restawr fuq it-Titular tal-Knisja ta' San Anton Abbati", f'*Ix-Xagħra*, Ottubru-Diċembru, 1995, p. 15).

27 Buhagiar, M., "Paintings in Gozo", f'*Gozo: Roots of an Island*, p. 110.

28 Sagona, M., "Art Treasures – A Critical Overview", f'*St George: Gozo's Golden Basilica*, 2011, p. 42

29 Dawn il-kwadri ovali, li juri l-erba' Dutturi tal-Knisja, x'aktarx li kienu fil-lunetti tal-koppla li nbniet fl-1678. Mhux magħruf minn pittirhom (Bezzina, J., *Il-Pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ*, 1965, p. 26).

30 Arkivju Parroċċa Katidral, *Liber Defunctorum, sub die mortis.*

31 Ferres, A., *L'Arte* IV, 15 ta' Novembru 1866, p. 4.